



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

July 2024 | MT



[The Grassroots View – S4 Episodju 6 – Il-governanza ekonomika: l-Ewropa f'salib it-toroq](#)

Merħba f'[The Grassroots View](#), il-podcast tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE). F'dan l-episodju, se nagħtu ħarsa lejn il-komplessitajiet tal-governanza ekonomika u l-isfidi li qed jiffaċċja x-xenarju ekonomiku

Ewropew. Se nsiru nafu aktar dwar il-livell ta' kunsens fir-rigward tal-governanza ekonomika fost il-pajjiżi tal-UE u l-għażliet diffiċli li l-Ewropa se jkollha tagħmel biex tadatta l-ekonomija tagħha għad-domandi tas-seklu 21.

Magħna se jkollna lil **Luca Jahier**, eks President tal-KESE u president attwali tal-Grupp dwar is-Semestru Ewropew tal-KESE, **Margarida Marques**, MEP mill-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi, **Maria Demertzis**, riċerkatriċi anzjana minn Bruegel, u **Maria Tadeo**, korrispondent fi Brussell. (tk)

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



Editorjal

Neħtieġu Ewropa fejn leħen iż-żgħażaġħ huwa importanti

Il-Parlament Ewropew li għadu kif ġie elett ser jorganizza l-ewwel seduta plenarja tiegħu f'Lulju. Minkejja li għad hemm maġġoranza prodemokratika, iż-żieda tal-forzi tal-lemin estrem u tal-Ewroxxetiċi wara l-elezzjonijiet ta' Ġunju hija xejra inkwetanti. Rajna wkoll li l-ġenerazzjoni żagħżuġha qed tinġibed aktar lejn il-partiti tal-lemin estrem, li b'mod ċar hija suxxettibli għal dawn ix-xejriet. Dan huwa ż-żmien biex il-forzi demokratiċi jieħdu r-responsabbiltà, jaħdmu flimkien u juru impenn ċar għal Ewropa b'saħħitha, fejn leħen iż-żgħażaġħ huwa importanti.

L-involviment taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politika tal-UE huwa essenzjali għal Ewropa reżiljenti, sostenibbli u li tħares 'il quddiem. Irridu nirdupjaw l-isforzi tagħna biex nintegraw bis-sħiħ leħen iż-żgħażaġħ fl-impenji li saru fil-livell tal-UE. L-elezzjonijiet m'għandhomx ikunu l-uniku żmien meta leħen iż-żgħażaġħ jgħodd: il-KESE qed jirrakkomanda modi sistemiċi u regolari biex iż-żgħażaġħ isemmgħu leħinhom.

Li bibien il-KESE jinfetħu għaż-żgħażaġħ – inklużi daww minn pajjiżi kandidati – huwa wieħed mill-prijoritajiet tal-mandat tiegħi. F'Mejju 2024, il-KESE sar l-ewwel istituzzjoni tal-UE li applikat it-Test taż-Żgħażaġħ – għodda mfassla biex tiżgura li l-proposti jkunu ta' benefiċċju għaż-żgħażaġħ – għar-rakkomandazzjonijiet ta' politika tiegħu. Billi napplikaw it-Test taż-Żgħażaġħ għall-Opinjoni tagħna, niżguraw li l-perspettiva taż-żgħażaġħ tiġi inkluża fil-politiki, li jitqies l-impatt fuq iż-żgħażaġħ u li ntaffu l-effetti negattivi potenzjali li l-politiki jista' jkollhom fuqhom.

Qabel ma introduċejna t-Test taż-Żgħażaġħ, mexxejna proġett pilota biex naraw kif test bħal dan jaħdem fil-prattika. Ħdimna maż-żgħażaġħ madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, li ssieħbu fil-laqgħat tagħna u għenu fl-abbozzar tal-Opinjoni. Kienet ta' ispirazzjoni naraw l-impenn, id-dedikazzjoni, l-ideat brillanti u l-għarfien espert tagħhom. Issa nedejna s-sejħa għall-applikazzjoni għat-Test taż-Żgħażaġħ uffiċjali tal-KESE, li ngħalqet fit-30 ta' Ġunju. Nixtieq niringrazzja lir-

rappreżentanti kollha taż-żgħażaġh li ħadu sehem fil-proġett pilota u lill-membri tal-Grupp taż-Żgħażaġħ tal-KESE għad-dedikazzjoni tagħhom biex jittrasformaw it-Test taż-Żgħażaġħ f'realtà.

L-UE teħtieġ iż-żgħażaġh. U huwa għalhekk li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jagħmlu l-istess biex jipprovdu Ewropa mmexxija miż-żgħażaġh. Waqt li l-Parlament Ewropew ser jissawwar matul ix-xahar id-dieħel u l-Kummissjoni Ewropea ser tfejji għall-mandat li jmiss tagħha fil-ħarifa, il-KESE ser ikompli jippromovi investiment akbar fiż-żgħażaġh: wasal iż-żmien li nagħmlu pass ieħor!

Hekk kif beda s-sajf, nieħu din l-opportunità biex niringrazzja mill-qalb lill-kollegi kollha li għamluha possibbli li jinkiseb pass importanti ieħor għall-Kumitat tagħna.

Oliver Röpk

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

12 ta' Lulju 2024

Niżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura: l-impenn Ewropew fil-konfront tal-mard rari

15 ta' Lulju 2024

Il-vjolenza kontra n-nisa bħala l-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem

18-19 ta' Settembru 2024

Sessjoni plenarja tal-KESE



DRITT G?ALL-PUNT

It-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE huwa għodda mmirata biex tiżgura li ż-żgħażaġh jipparteċipaw aktar fit-tfassil tal-politika. Hekk kif l-applikazzjonijiet għat-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE fil-KESE għadhom kemm għalqu, il-President tal-Grupp taż-Żgħażaġħ tal-KESE, Katrīna Leitāne, tkellmet magħna dwar xi jfisser it-test għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh li ntgħażlu biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-KESE.



IL-KESE JINKLUDI LIR-RAPPREŻENTANTI TAŻ-ŻGĦAŻAĠĦ FIL-ŻIDMA TIEGĦU

Minn Katrīna Leitāne, President tal-Grupp taż-Żgħażagħ tal-KESE

L-interessi taż-żgħażagħ mhumix rappreżentati biżżejjed fit-tfassil tal-politika fuq livell globali, iżda huma jinsabu lesti, għandhom ir-rieda u kapaċi jikkontribwixxu. L-inklużjoni tal-perspettivi taż-żgħażagħ fir-riżultati tal-KESE se twassal għal politiki tal-UE aktar rappreżentattivi u reżiljenti. Bħala d-dar tas-soċjetà ċivili Ewropea, il-KESE għandu jkun l-istituzzjoni ewlenija tal-UE li tirrappreżenta leħen iż-żgħażagħ.

Il-KESE, issa ilu snin jaħdem fuq kif jista' jintegra aħjar leħen iż-żgħażagħ Ewropej fil-ħidma tiegħu, u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Il-Grupp taż-Żgħażagħ tal-KESE twaqqaf sena ilu biex jifformalizza l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ. Permezz tal-Opinjoni dwar it-[Test taż-Żgħażagħ tal-UE](#), ippubblikata f'Settembru 2022, il-KESE sar l-ewwel istituzzjoni tal-UE li impenjat ruħha biex timplimentah. F'April 2024, il-KESE għamel avvanz kbir ieħor billi approva l-metodoloġija għall-implimentazzjoni tat-**Test taż-Żgħażagħ tal-UE fil-KESE**.

It-Test taż-Żgħażagħ tal-UE huwa għodda mfassla biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fit-tfassil tal-politika. Dan jinkludi konsultazzjoni, valutazzjoni tal-impatt u miżuri ta' mitigazzjoni. Fil-KESE, dan ifisser li r-rappreżentanti taż-żgħażagħ se jinvolvu ruħhom mal-membri tal-KESE waqt li jabbozzaw għadd ristrett ta' Opinjonijiet. B'mod konkret, ir-rappreżentanti taż-żgħażagħ se jipparteċipaw f'laqgħat u seduti, jipprovdu kontributi bil-miktub, u possibbilment isegwu l-adozzjoni tal-Opinjonijiet. Għal kull Opinjonijiet se jkollna rappreżentant taż-żgħażagħ wieħed li se jaħdem f'isem l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ interessati kollha.

Bħalissa, l-inizjattiva tinsab fil-fażi ta' implimentazzjoni tagħha. F'Ġunju ta' din is-sena, saret sejħa miftuħa biex l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ japplikaw biex jieħdu sehem u l-KESE rċieva aktar minn 100 applikazzjoni. L-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ eliġibbli se jiġu infurmati regolarment dwar l-Opinjonijiet li jkun imiss, u se jintalbu jekk jixtixx jaħdmu fuq kwalunkwe Opinjonijiet futuri. Fl-aħħar nett, il-Bureaux tas-sezzjonijiet/tas-CCMI se jiddeċiedu liema Opinjonijiet se jgħaddu mit-Test taż-Żgħażagħ tal-UE fil-KESE.

L-esperjenzi minn proġett pilota ta' suċċess kbir għenu lill-Grupp taż-Żgħażagħ iħejji din il-metodoloġija. Kull waħda mis-sezzjonijiet tal-KESE/CCMI għażlet Opinjonijiet waħda u involviet b'suċċess total ta' 20 rappreżentant taż-żgħażagħ. Is-suġġetti ta' dawn l-Opinjonijiet kienu varjati, mis-Semestru Ewropew sad-difiża tad-demokrazija.

Il-Grupp taż-Żgħażagħ tal-KESE qed jaħdem biex isib l-aħjar mod kif l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ jiġu involuti b'mod sinifikanti. Il-pass li jmiss huwa li nibdew nimplimentaw l-inizjattiva, nirreveduha u ntejbuha regolarment hekk kif nimxu 'l quddiem!

Jekk tixtieq tkun taf aktar, jekk jogħġbok żur il-paġna web tagħna [Test taż-Żgħażagħ tal-UE fil-KESE](#), jew ikkuntattja lis-segretarjat fuq youthesc@eesc.europa.eu.



IL-MISTIEDNA SORPRIŻA

Iż-żgħażaġh fl-Albanija se jkollhom rwol importanti ħafna biex iqarrbu l-pajjiż iktar lejn l-UE. Madankollu, ir-rieda tagħhom li jsiru aġenti tal-bidla u l-entużjażmu tagħhom għall-UE spiss ma jkunux akkumpanjati minn riżorsi xierqa li jippermettulhom jipparteċipaw b'mod sinifikanti fi programmi, proġetti u teħid ta' deċiżjonijiet. Dak li huwa meħtieġ huwa l-

koordinazzjoni tal-partijiet interessati li tinkludi kolloxx u li tiffoka fuq iż-żgħażaġh, tikteb **il-mistiedna sorpriża tagħna Dafina Peci**, Direttur Eżekuttiv tal-Kongress Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Albanija.

Dafina Peci saret id-direttur eżekuttiv tal-Kongress Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Albanija fl-2016, wara li serviet bħala l-president tiegħu għal sentejn konsekuttivi. Mill-2017, Dafina għallmet ukoll fid-Dipartiment tax-Xjenzi Politiċi tal-Università ta' Tirana. Hija kienet membru tal-grupp ta' ħidma biex jitwaqqaf l-Uffiċċju Reġjonali għall-Kooperazzjoni taż-Żgħażaġħ (RYCO), u sussegwentement irrappreżentat lill-Albanija fil-Bord tad-Direttorju tal-RYCO, kif ukoll kienet rappreżentanta taż-żgħażaġh fuq il-Bord tat-Tmexxija tiegħu. Għandha baċellerat fix-Xjenzi Politiċi u r-Relazzjonijiet Internazzjonali u Masters fix-Xjenzi fil-Politika u s-Sikurezza Reġjonali. Hija lestiet ukoll speċjalizzazzjoni postgradwatorja fis-Sigurtà wara Kunflitt, il-Bini tal-Istituzzjonijiet ta' Paċi u Intermedjazzjoni.



IT-TRIQQ TAL-ALBANIJA LEJN S'UBIJA FL-UE: IS-S'UBIJA MA?-?G?A?AG? TAG?HA U MAS-SO?JETÀ ?IVILI HIJA ESSENZJALI

Minn Dafina Peci, Direttur Eżekuttiv tal-Kongress Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Albanija

Iż-żgħażaġh huma kollaboraturi importanti attwalment fil-preżent, u mhux biss bħala mexxejja futuri. L-ispinta, l-immaġinazzjoni u r-rieda tagħhom li jaraw ideat tajbin sakemm jitlestu huma vitali għall-avvanz tas-soċjetà. L-involviment attiv taż-żgħażaġh jippromovi l-valuri demokratiċi, il-progress soċjali u t-tkabbir personali. Dan jagħti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għarfien intuittiv dwar il-problemi li jeħtieġu attenzjoni.

Iż-żgħażaġh fl-Albanija huma entużjasti ħafna dwar l-integrazzjoni fl-UE, iżda l-entużjażmu tagħhom mhuwiex appoġġjat minn informazzjoni, għarfien jew mezzi xierqa biex jipparteċipaw.

L-Albanija tista' tikseb ħafna billi tagħti s-setgħa liż-żgħażaġh biex jipparteċipaw b'mod sinifikanti fi programmi u proġetti. Dan se jgħin liż-żgħażaġh Albaniżi jesprimu l-ħtiġijiet u l-prioritajiet tagħhom u jieħdu azzjoni biex jagħmlu l-bidliet li jixtiequ jaraw.

L-involviment kontinwu tal-Kongress Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Albanija maż-żgħażaġh iffoka parti kbira mill-isforzi tiegħu fuq il-fehim tal-punt sa fejn l-attiviżmu tas-soċjetà ċivili u l-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh

biddlu s-soċjetà. Sabiex jissaħħu l-attivitajiet u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fil-proċess ta' integrazzjoni tal-Albanija fl-UE, huwa imperattiv li nqisu serjament it-tagħlimiet li ttieħdu, billi nibdew bi sħubijiet b'saħħithom li jagħtu prijorità liż-żgħażaġħ, jinvestu fiż-żgħażaġħ bħala assi prezzjuż, u jrawmu sinerġiji akbar fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Fil-fehma tiegħi, dawn huma kruċjali.

Sħubija maż-żgħażaġħ u s-soċjetà ċivili biex isir progress fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE fl-Albanija

Minbarra li huma t-tama vera tagħna, iż-żgħażaġħ huma l-aġenti ewlenin tagħna għall-bidla, li jgħinu lill-Albanija timxi 'l quddiem – mhux biss lejn futur aħjar, iżda wkoll lejn l-ifjen preżenti possibbli. Huma għandhom il-qlubija, l-ideali u r-rieda li jagħtu l-ħajja lil kunċetti mill-aktar diffiċli. L-adolessenti li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà mhux biss isaħħu t-tkabbir personali u soċjali tagħhom, iżda wkoll irawmu soċjetà aktar demokratika u joffru lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet perspettivi siewja dwar firxa ta' kwistjonijiet u xejriet li jeħtieġu riżoluzzjonijiet. It-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-involvement taż-żgħażaġħ permezz ta' parteċipazzjoni sinifikanti f'attivitajiet u programmi li jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-oġettivi tagħhom ikunu ta' benefiċċju kbir għall-Albanija.

Il-parteċipazzjoni mhux biss hija kunċett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, iżda hija wkoll mezz prattiku għall-promozzjoni ta' ċittadinanza attiva għal kulħadd. Anke jekk li wieħed jivvota jew ikun kandidat għal kariga pubblika huma komponenti kruċjali tal-involvement demokratiku, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fil-ħajja ta' kuljum tinvolvi aktar minn dawn l-attivitajiet biss. Il-prerekwiżiti għal ċittadinanza attiva jinkludu li wieħed ikollu d-dritt u l-oportunitajiet li jipparteċipa, iżda wkoll li jkollu l-mezzi, l-isparju, l-għodod u, fejn meħtieġ, l-appoġġ finanzjarju biex ikun jista' jinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet u jieħu sehem f'azzjonijiet u attivitajiet li jsaħħu u jsostnu s-soċjetà u jagħmluha aktar reżiljenti.

F'dan is-sens, l-espansjoni tan-networks tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija essenzjali biex jiġu pprovduti postijiet addizzjonali biex iż-żgħażaġħ jiġu involuti u jingħataw is-setgħa. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jsibu l-aħjar prattiki, jitgħallmu minn xulxin, jiskambjaw informazzjoni u jiskopru ideat ġodda billi jikkollaboraw, jibnu networks u jiġġeneraw sinerġiji. Barra minn hekk, dan jippermettilhom jużaw finanzjament addizzjonali fost il-pilastri tal-ħidma kondiviża tagħhom u jikkoordinaw il-politiki u l-programmi. Iż-żgħażaġħ jingħataw is-setgħa mill-ħidma mwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jgħin ukoll biex tissaħħaħ ir-rappreżentanza u l-parteċipazzjoni ta' gruppi żgħażaġħ fis-soċjetà.

Sabiex jintuża l-potenzjal u l-innovazzjoni li ż-żgħażaġħ jistgħu jġibu fis-soċjetà Albanija billi jwittu t-triq għat-tkabbir soċjali, kulturali u ekonomiku, nittama li din l-espansjoni tissawwar u ssir sejħa għaż-żgħażaġħ u l-attiviżmu tas-soċjetà ċivili.


Hemm ħafna xi jsir u għandhom isiru aktar sforzi sabiex jiżdiedu l-parteċipazzjoni attiva, ir-rappreżentanza u t-tmexxija sinifikanti taż-żgħażaġħ fis-soċjetà. L-involvement taż-żgħażaġħ għandu jfisser ukoll il-ħolqien u l-prioritizzazzjoni ta' spazji għalihom biex jaċċessaw l-informazzjoni u l-oportunitajiet għad-djalogu u l-kondiviżjoni tal-għarfien mal-pari, mal-partijiet ikkonċernati u ma' daww li jieħdu d-deċiżjonijiet.



MISTOQSIJA LIL...

Kważi nofs it-trainees fl-UE mhumie x imħallsa u ħafna jinsabu fi traineeships “fittizji” fejn jintużaw bħala xogħol irħis mingħajr aċċess għall-protezzjoni soċjali jew drittijiet oħra. Il-Proposta reċenti tal-Kummissjoni Ewropea biex ittejjeb il-kwalità tat-traineeships fl-UE, għalkemm milqugħa bħala pass fid-direzzjoni t-tajba, madankollu ġiet ikkritikata talli mhijiex biżżejjed. Aħna tlabna lir-relatur tal-Opinjoni dwar id-Direttiva dwar it-traineeship u qafas ta’ kwalità msaħħa għat-traineeships, **Nicoletta Merlo**, biex tagħtina l-fehma tal-KESE dwar il-Proposta tal-Kummissjoni u biex taqsam magħna l-proposti tal-KESE dwar

kif għandha tittejjeb il-kwalità tat-traineeships u jiġi żgurat li jkunu aċċessibbli għal kulħadd – u mhux biss għaż-żgħażaġħ li jistgħu jaffordjawhom.



INRA??NU L-ISFRUTTAMENT TAT-TRAINEES

minn Nicoletta Merlo

It-traineeships jirrappreżentaw perkors għaż-żgħażaġħ biex jiffamiljarizzaw ruħhom mad-dinja tax-xogħol, għal skopijiet ta’ gwida u taħriġ. Dawn żviluppaw b’mod konsiderevoli fl-Ewropa kollha, inkluż bis-saħħa tal-programm Garanzija Ewropea għaż-Żgħażaġħ. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas ta’ kwalità għat-traineeships tal-2014 ipprovdiet linji gwida siewja lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni

tal-istrument.

Sfortunatament, maż-żmien kien hemm abbużi u distorsjonijiet fil-mod kif jitwettqu t-traineeships, b’żieda fil-każijiet ta’ sfruttament tat-trainees żgħażaġħ li ntużaw biex jissostitwixxu lill-ħaddiema b’xogħol bi rħis mingħajr aċċess għal salvagwardji u protezzjoni soċjali adegwati.

Għal din ir-raġuni, il-KESE japprova l-għan tal-Kummissjoni Ewropea li ttejjeb il-qafas ta’ kwalità għat-traineeships fl-Ewropa kollha, speċjalment fir-rigward tat-tiżiħ tal-kontenut tat-tagħlim u t-taħriġ, u l-ġlieda kontra l-abbuż u l-użu ħażin tat-traineeships.

Madankollu, iż-żewġ proposti tal-Kummissjoni – li jinkludu Rakkomandazzjoni tal-Kunsill aġġornata u Direttiva – jindirizzaw biss uħud mill-kwistjonijiet u għandhom xi aspetti problematiċi:


- dawn jirreferu b'mod indiskriminat g'all-forom kollha ta' traineeships, u jonqsu milli jqisu b'mod adegwat id-differenzi e? istenti bejn id-diversi tipi ta' traineeships u l-iskopijiet taghom jew l-applikazzjonijiet differenti taghom fl-Istati Membri;
- il-mi?uri me?tie?a g'all-prevenzjoni tal-u?u ?a?in tat-traineeships upstream mhumix previsti, u hemm nuqqas ta' regoli vinkolanti biex jog?lew l-istandards tal-kwalità; u
- fir-rigward tad-Direttiva proposta, il-kamp ta' applikazzjoni tagha jkopri biss trainees li huma kkunsidrati b?ala ?addiema jew li huma f'relazzjoni ta' impjieg, li huwa l-ka? f'inqas minn nofs l-Istati Membri. Dan jillimita l-g?add ta' persuni kkon?ernati u j?id ir-riskju li ma jinkisbux ir-ri?ultati mistennija.

Fil-fehma tiegħi, biex tittejjeb il-kwalità tat-traineeships, l-ewwel nett għandhom jiġu stabbiliti kriterji minimi ta' kwalità għal kull tip ta' traineeship, u b'hekk jiġi limitat l-użu tagħhom upstream. Dawn il-kriterji għandhom jipprovdu salvagwardji bażiċi u enfasi qawwija fuq it-taħriġ kif ukoll impenji biex jiġu miġġielda l-każijiet kollha ta' użu ħażin b'miżuri adegwati, inkluż billi tissaħħaħ is-sistema ta' spezzjoni.

Barra minn hekk, sabiex l-esperjenza tat-traineeship tkun aċċessibbli għal kulħadd – għalkemm b'mod ġenerali ma nistgħux nitkellmu dwar il-pagi peress li t-trainees fil-parti l-kbira tal-każijiet ma jitqisux bħala ħaddiema u t-traineeship jitqies l-aktar barra mill-kuntest tal-impjieg – huwa importanti li nrażżnu t-traineeships mhux imħallsa billi nistabbilixxu allowance obligatorju kkalkulat mhux biss abbażi tal-kompiti u r-responsabbiltajiet involuti fit-traineeships, iżda wkoll abbażi tal-ispejjeż li t-trainees iridu jġarrbu biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fit-traineeships.

Fl-aħħar nett, għandha nqisu aktar ir-rwol li l-imsieħba soċjali jista' jkollhom fl-implimentazzjoni tar-regolament fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-monitoraġġ u l-kontroll tal-użu tal-istrument.

NEW PUBLICATIONS



[Il-KESE jippubblika fuljett dwar l-attivitajiet tiegħu matul il-Presidenza Ungerija tal-Kunsill tal-UE](#)

Fl-1 ta' Lulju, l-Ungerija ħadet f'idejha l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE u se jkollha rwol kruċjali x'taqdi fit-tmexxija tal-Ewropa.

Fi żmien ta' tiġdid politiku wara l-elezzjonijiet Ewropej, il-KESE beħsiebu jkun imsieħeb responsabbli għall-Presidenza Ungerija, u jaqdi rwol ċentrali fit-tfassil ta' wħud mill-prijoritajiet politiċi matul iċ-ċiklu leġiżlattiv li jmiss.

Fuq talba tal-Presidenza Ungerija, il-Kumitat se jfassal 10 Opinjonijiet esploratorji. Ikkonsulta [l-fuljett il-ġdid tagħna](#) biex tiskopri aktar u ssir taf min huma l-membri Ungeriji tal-KESE u liema organizzazzjonijiet jirrappreżentaw. (cw)

A?BARIJET TAL-KESE



Enfasi fuq i?-?g?a?ag? fl-UE: l-inizjattiva pijuniera tat-Test ta?-?g?a?ag? tal-Kumitat ?adet spinta

Il-KESE enfażizza l-importanza li l-perspettivi taż-żgħażaġh jiġu inkorporati fil-politiki tal-UE, u ħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh jinvolvu ruħhom fit-Test taż-Żgħażaġħ tal-KESE, inizjattiva li għandha l-għan li tamplifika leħen iż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika.

Fis-sejħa reċenti tiegħu għall-applikazzjonijiet, il-KESE stieden lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh japplikaw biex jipparteċipaw fit-Test taż-Żgħażaġħ tal-KESE, bi skadenza fit-30 ta' Ġunju 2024. L-organizzazzjonijiet magħżula se jidentifikaw l-Opinjoni tal-KESE li jixtiequ jinfluwenzaw, jipparteċipaw f'laqgħat u seduti ta' smiġh u jipprovdu kontributi bil-miktub. L-organizzazzjonijiet eliġibbli jridu jkunu stabbiliti demokratikament, jirrispettaw il-prinċipji tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jkollhom attivitajiet jew korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet immexxija miż-żgħażaġh.

Matul is-sena li għaddiet, il-KESE mexxa dan it-test, li ppermetta lir-rappreżentanti taż-żgħażaġh fl-Ewropa kollha jikkontribwixxu għal diskussjonijiet dwar kwistjonijiet sinifikanti, bħad-demokrazija, il-politika agrikola komuni, u l-involviment taż-żgħażaġh bejn l-UE u r-Renju Unit. Is-suċċess ta' dan il-proġett pilota wassal għall-istabbiliment tiegħu bħala għodda permanenti, u l-KESE qed jappella lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex jadottaw miżuri simili.

Matul dibattitu reċenti fil-plenarja, ir-rappreżentanti taż-żgħażaġh esprimew sodisfazzjon bl-inizjattiva, li tiżgura l-involviment tagħhom lil hinn minn suġġetti tradizzjonalment iffukati fuq iż-żgħażaġh, bħall-kriżi klimatika.

Il-President tal-KESE **Oliver Röpk**e enfażizza l-inizjattiva bħala impenn politiku ewlieni, u enfażizza l-ħtieġa għal involviment kontinwu taż-żgħażaġh fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Huwa nnota li l-elezzjonijiet m'għandhomx ikunu l-unika okkażjoni biex leħen iż-żgħażaġh jingħata widen, u li t-Test taż-Żgħażaġħ jiżgura li jkollhom kontribut regolari fil-politiki tal-UE.

Katrīna Leitāne, President tal-Grupp taż-Żgħażaġħ ad hoc tal-KESE, irrimarkat dwar il-progress tal-integrazzjoni ta' leħen iż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, u nnotat li t-Test taż-Żgħażaġħ huwa dokument ħaj li se jevolvi bl-esperjenza. **Elias Dray**, Viċi President tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, faħħar lill-KESE għat-tmexxija tiegħu u ħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh biex jissieħbu fl-inizjattiva, biex niżguraw li l-perspettivi tagħhom isawru Opinjonijiet futuri tal-KESE.

Il-Ministru tal-Albanija għaż-Żgħażaġħ u t-Tfal, **Bora Muzhaqi**, ħadet sehem ukoll fis-sessjoni plenarja tal-KESE. Pajjiżha qed jirsisti biex ikun mudell fil-qasam tal-politika taż-żgħażaġh, li huwa turija tal-valur li jkun hemm nies fil-kariga responsabbli biss għall-kwistjonijiet taż-żgħażaġh. “Nemmen tabilħaqq li bil-ħidma attwali tagħna maż-żgħażaġh u għaż-żgħażaġh, qed inħejju liż-żgħażaġh tagħna għall-futur... qed insaħħu l-pożizzjoni tagħhom biex ikunu l-mexxejja tal-preżent biex niżguraw li jirtu pjaneta sostenibbli u ekoloġikament diversa.”

Il-KESE għandu relazzjoni ta’ ħidma eċċellenti mal-Albanija, li turi r-rwol ewlieni tas-sħubija transnazzjonali fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-livelli kollha ta’ governanza.

Il-KESE ilu impenjat għal din l-inizjattiva minn Settembru 2022, meta adotta Opinjoni dwar it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE. L-isforzi kontinwi tal-KESE, inkluż l-avveniment annwali L-Ewropa Tiegħek, Leħnek! ikomplu juru d-dedikazzjoni tiegħu għat-tiżiħ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Ir-rakkomandazzjonijiet ta’ din is-sena mill-avveniment, li sar f’Marzu 2024, huma mmirati lejn il-mexxejja tal-UE li jmiss u huma disponibbli [online](#). (ks)



[Flimkien kontra l-mibegħda: l-Ewropej iwiegħdu li jiġi ieldu kontra l-mibegħda li qed tinfirex madwar l-Ewropa](#)

Peress li d-diskors ta’ mibegħda u r-reati ta’ mibegħda qed jiżdiedu b’rata allarmanti, is-soċjetà ċivili, iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet qed jingħaqdu flimkien u qed iżidu l-azzjoni kontra l-forom kollha ta’ mibegħda, biex jibagħtu l-messaġġ li ma hemm l-ebda post għall-mibegħda fl-UE.

Il-KESE qed jingħaqad mal-isforzi tal-UE biex trażżan il-mibegħda fl-UE, li rat żieda allarmanti, bi gruppi u individwi dejjem aktar fil-mira minħabba l-fidi, l-oriġini razzjali jew etnika, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew it-twelmin politiku tagħhom.

Il-KESE, flimkien maċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, huwa impenjat li jagħmel aktar biex jiġġieled il-mibegħda kemm online kif ukoll offline, qal matul dibattitu ta’ livell għoli fis-sessjoni plenarja tiegħu ta’ Mejju, fejn adotta l-Opinjoni [L-ebda post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda](#) li tiddenunzja l-forom kollha ta’ mibegħda u tilqa’ l-[Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea](#) dwar l-istess suġġett.

“Ilkoll kemm aħna għandna responsabbiltà biex niġġieldu l-mibegħda”, qal il-President tal-KESE **Oliver Röpk**e, waqt li fetaħ id-dibattitu fis-sessjoni plenarja tal-KESE. “Biex nindirizzawha b’mod effettiv, irridu naħdmu flimkien – il-politiċi, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini. Huwa biss flimkien u fi djalogu li nistgħu niddominaw u niġġieldu kontra l-ostilità dejjem tikber fis-soċjetà tagħna, li hija theddida reali għad-demokrazija tagħna.”

Id-dibattitu laqqa' flimkien uffiċjali ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea u tal-gvern Belġjan u rappreżentanti ta' ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (inklużi ILGA-Europe u n-Network Ewropew Kontra r-Razziżmu (ENAR)) li enfasizzaw iż-żieda fil-mibegħda u l-vjolenza.

L-attakki reċenti fuq politiki kixfu diviżjonijiet profondi fis-soċjetà Ewropea. Iċ-ċifri juru li messaġġi anti-Musulmani u anti-Semitiċi rduppjaw fl-2023. Il-miri komuni huma l-LGBTQIA+, il-persuni ta' dixxendenza Afrikana u l-migranti. Hemm ammont kbir ta' misoġenija wkoll. Analiżi reċenti tal-messaġġi online fl-UE turi li kien hemm żieda ta' 30% fit-tossiċità tal-mibegħda sa mill-bidu tal-2023.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar [L-ebda post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda](#) hija sejħa għal azzjoni sabiex nieqfu kontra l-mibegħda u nsemmgħu leħinna favur it-toleranza u r-rispett.

"Il-valuri stabbiliti fit-Trattat tal-UE jipprojbixxu b'mod ċar reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda. Sfortunatament, rajna żieda fit-tnejn li huma", qalet il-Viċi President tal-Kummissjoni għad-Demokrazija u d-Demografija **Dubravka Šuica**.

Fl-Opinjoni tiegħu, il-KESE stieden lill-UE tadotta approċċ komprensiv għall-ġlieda kontra l-mibegħda abbażi ta' kwalunkwe karatteristika umana protetta, u tuża l-istess approċċ biex "tiġġieled it-tipi kollha ta' mibegħda". (II)



L-istorja ta' suċċess tal-2004 twitti t-triq għat-tkabbir futur tal-UE

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Mejju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) iddiskuta dak li tgħallimna mit-tkabbir tal-UE tal-2004. Is-sitwazzjonijiet ġeopolitiċi u ta' sigurtà attwali jagħmlu t-tkabbir ulterjuri kompitu saħansitra aktar urġenti

għall-Ewropa.

Fid-dibattitu tiegħu fil-plenarja ddedikat għat-tkabbir importanti tal-2004, il-KESE laqa' kelliema li kellhom rwol sinifikanti fil-proċess tan-negozjati, inkluż l-eks Segretarju tal-Istat Pollakk inkarigat mill-adeżjoni mal-UE **Jarosław Pietras**, is-Segretarju Ġenerali tal-Fondazzjoni għall-Istudji Progressivi Ewropej **László Andor** mill-Ungerija, u l-eks Kummissarju Ewropew għat-Tkabbir **Štefan Füle** miċ-Ċekja.

Fid-diskussjoni, il-parteciċipanti enfasizzaw li l-UE – li kien biss reċentement li reġgħet kisbet interess għal tkabbir ulterjuri – kellha ttiprovdi pjan direzzjonali ċar għall-adeżjoni għall-pajjiżi kandidati. Jekk se nħalluhom jistennew għal żmien twil wisq, il-proċess tat-tkabbir jista' jitlef il-kredibbiltà tiegħu.

Il-President tal-KESE **Oliver Röpké** qal: "L-20 anniversarju ma jimmarkax biss stadju sinifikanti, iżda wkoll is-suċċess kontinwu tal-proċess ta' tkabbir tal-UE, b'aktar pajjiżi jaspiraw li jissieħbu".

Is-Sur Pietras qal: "It-tkabbir huwa proċess ta' trasformazzjoni bidirezzjonali, li ma jissarrafx biss f'benefiċċji għall-pajjiżi kandidati iżda wkoll għall-Istati Membri tal-UE".

Is-Sur Füle, li issa jippresjedi t-Task Force taċ-Ċentru tal-Politika Ewropea dwar it-tkabbir tal-UE, enfasizza li “jeħtieġ li nħejju kemm lill-pajjiżi kandidati kif ukoll lill-Istati Membri tal-UE għall-mewġa l-ġdida ta’ tkabbir”.

Waqf li tkellem dwar il-forza mexxejja tat-tkabbir tal-2004, **Dr Tinatin Akhvlediani**, Riċerkatur fl-Unità tal-Politika Barranija tal-UE fiċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej, enfasizza l-aspetti ekonomiċi tat-tkabbir, minħabba l-fatt li l-pajjiżi kandidati ma kinux għaddejjin minn sitwazzjoni ekonomika tajba. Madankollu, il-motivazzjoni ewlenija għat-tkabbir futur issa hija s-sigurtà.

Skont **is-Sur Andor**, l-istat tad-dritt irrappreżenta wieħed min-nuqqasijiet tat-tkabbir tal-2004, u l-UE naqset milli toħloq l-għodod it-tajba biex tindirizzah. Dan wassal għall-ħolqien reċenti tal-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt.

F’Settembru, il-KESE se jorganizza Summit dwar it-Tkabbir tas-Soċjetà Ċivili, u qed jistieden lill-membri kandidati kollha tat-tkabbir biex jipparteċipaw fis-sessjoni plenarja tiegħu għall-ewwel darba.



Politika ta’ koeżjoni b’saħħha u inklużiva hija kruċjali għal tkabbir tal-UE b’suċċess

Il-KESE adotta żewġ Opinjonijiet fis-sessjoni plenarja tiegħu ta’ Mejju, li fihom enfasizza r-rwol kruċjali tal-politika ta’ koeżjoni - l-istrument ta’ finanzjament primarju tal-UE għall-iżvilupp reġjonali - fit-tkabbir futur. Fost affarijiet oħra, il-KESE appella

biex fit-trattati tal-adeżjoni jiġu inklużi għodod ta’ konformità biex jiġu indirizzati l-isfidi potenzjali ta’ wara l-adeżjoni, bħat-tħassib dwar l-emigrazzjoni u l-istat tad-dritt.

Fis-sett il-ġdid ta’ rakkomandazzjonijiet tiegħu, il-KESE enfasizza l-importanza tal-integrazzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-użu effettiv tal-fondi ta’ koeżjoni. Is-suċċess fil-politika ta’ koeżjoni jitkejjel mill-eżiti territorjali u soċjali, mhux biss mill-investimenti ekonomiċi. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni pubblika huwa kruċjali għall-kisba tal-koeżjoni.

Id-diskussjoni fil-plenarja mal-Kummissarju għall-Koeżjoni u r-Riformi, **Elisa Ferreira**, u l-President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR), **Vasco Alves Cordeiro**, ġibdet l-attenzjoni għall-importanza tal-għajnuna ta’ qabel l-adeżjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-President tal-KESE, **Oliver Röpke**, u kelliema oħra enfasizzaw il-ħtieġa għal politika ta’ koeżjoni robusta biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tkabbir tal-UE u tiġi evitata UE frammentata. L-adattament tal-għajnuna għar-reġjuni kandidati huwa essenzjali għall-paċi u l-prosperità, u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin jinkludu t-tisħiħ tal-edukazzjoni, l-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-użu ta’ mekkaniżmi speċjali għal pajjiżi bħall-Ukrajna.

Il-KESE nnota wkoll l-impatt usa’ tat-tkabbir fuq l-Istati Membri attwali, u enfasizza l-ħtieġa għal fondi addizzjonali għar-reġjuni affettwati. Id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni jitlob li jkun hemm adattament għal sfidi ġodda billi jsir investiment fl-SMEs, jissaħħu l-amministrazzjonijiet lokali, u jiġi appoġġat l-aċċess ġust għall-impjieg. Politika ta’ koeżjoni dinamika hija vitali biex jiġi lliberat il-potenzjal ekonomiku tal-UE u biex tiġi



[Il-mediċina nukleari hija l-ogħla prijorità biex jingħeleb il-kanċer](#)

Il-mediċina nukleari u l-provvista ta' isotopi radjuattivi għandhom ikunu prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea jekk irridu niggarrantixxu aċċess ugwali għat-trattament tal-kanċer għall-pazjenti kollha fl-Ewropa.

L-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-finanzjament ikun disponibbli għat-teknoloġiji radjoloġiċi u nukleari mediċi. Fl-istess ħin, għandhom ukoll iżidu l-kooperazzjoni tagħhom biex ineħħu l-ostakli regolatorji għall-provvista ta' isotopi radjuattivi u jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq pajjiżi terzi għall-materja prima.

B'dan l-għan, l-Opinjoni tal-KESE bit-titolu [Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer: l-ixpruni għas-sigurtà tal-provvista tal-isotopi radjuattivi mediċi](#), adottata fis-sessjoni plenarja ta' Mejju, tenfasizza l-ħtieġa li jsir minn kollox possibbli fit-teħid ta' azzjoni kontra l-kanċer..

Ir-relaturi **Alena Mastantuono** u **Philippe Charry** t-tnejn kienu tal-fehma li l-uniku mod biex tiġi żgurata aħjar il-provvista ta' isotopi radjuattivi fl-Ewropa u tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber mill-pazjenti huwa "jekk nieħdu deċiżjonijiet politiċi kuraġġużi u jekk ikollna regolamentazzjoni soda".

Kull sena, sa 10 miljun pazjent Ewropew jibbenefikaw minn dijanjostika permezz ta' immaġnijiet mediċi nukleari għad-dijanjożi tal-patoloġiji, bħall-kanċer jew il-mard tal-qalb. It-teknoloġiji radjoloġiċi u nukleari li jużaw l-isotopi radjuattivi huma essenzjali fil-ġlieda kontra l-kanċer fl-istadji kollha tal-kura, fid-detezzjoni bikrija, fid-dijanjożi, fit-trattament u fil-kura palljativa. (mp)



[Negħbu l-kanċer bit-tilqim](#)

Bl-għadd ta' kanċers u mwiet relatati mal-kanċer madwar l-UE qed jiżdied b'rata allarmanti, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappella għal miżuri tant meħtieġa għall-prevenzjoni tal-kanċer, peress li madwar 40 % tal-każijiet tal-kanċer jitqiesu li jistgħu jiġu evitati.

Fis-sessjoni plenarja tiegħu f'Mejju, il-KESE adotta Opinjoni li tilqa' l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kanċers li jistgħu jiġu evitati bil-vaċċini bħala inizjattiva ta' segwitu għall-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer (il-Pjan dwar il-Kanċer).

L-Opinjoni tiffoka fuq it-tilqim kontra l-papillomaviruses umani (HPV) u l-epatite B (HBV), peress li t-tilqim jista' jipprevjeni diversi tipi ta' kanċers ikkawżati minn dawn il-viruses.

Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal informazzjoni, edukazzjoni u komunikazzjoni adatti li jħeġġu lill-gruppi fil-mira biex jitlaqqmu. Jenfasizza wkoll ir-rwol importanti li għandhom il-prattikanti ġenerali, it-tobba tal-familja, it-tobba tal-iskola u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'dan l-isforz.

Milena Angelova, relatur tal-Opinjoni dwar [*Il-kanċers li jistgħu jiġu evitati bil-vaċċini*](#) qalet: "Irridu niġġieldu l-istigma u t-twemmin falz madwar il-vaċċini. Pereżempju, hemm dan it-twemmin żbaljat li t-tilqim huwa biss għall-bniet żgħar. Iżda dan mhuwiex il-każ. Sabiex neqirdu dawn il-viruses (HPV, HBV), irridu wkoll ninvolvu lis-subien u lill-ġenituri tagħhom". Il-vaċċini jridu jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

Huwa estremament importanti "li titreġġa' lura t-tendenza għax-xettiċiżmu", żiedet il-korelatur **Sára Felszeghi**. Il-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni hija parti ewlenija biex in-nies jitħeġġu jitlaqqmu.

Il-KESE jappella għal approċċ komprensiv għall-ġlieda kontra l-kanċer, b'sistema integrata u li tiffunzjona tajjeb għall-forom kollha ta' prevenzjoni, inklużi l-prevenzjoni primarja (tilqim, stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa), il-prevenzjoni sekondarja (skrinjar) u l-prevenzjoni terzjarja (kura u riabilitazzjoni).

Is-**Sinjura Angelova** affermat mill-ġdid "il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkoordinaw aktar u jiskambjaw l-aħjar prattiki" sabiex ikunu ħafna aktar effiċjenti fil-ġlieda kontra l-kanċer u jżidu l-kopertura tat-tilqim madwar l-UE. Huwa ta' importanza kbira li l-prevenzjoni tal-kanċer titqies bħala prijorità politika. (sg)



[Il-mira klimatika tal-UE għall-2040 twitti t-triq lejn emissjonijiet żero netti sal-2050](#)

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet mira li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'90 % sal-2040, bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Ewropew (KESE) [approva dan l-għan](#) matul il-plenarja tiegħu ta' Mejju, u enfasizza li dawn l-għanijiet huma allinjati mar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi biex it-tiżhin globali jiġi limitat għal 1.5 gradi Celsius.

Billi offra l-appoġġ tiegħu, il-KESE enfasizza l-importanza li jingħata kontribut ġust għall-isforzi klimatiċi globali u fl-istess ħin tiġi żgurata wkoll il-kompetittività tal-industriji Ewropej matul it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. **Teppo Säkkinen**, relatur tal-Opinjoni dwar *Mira Klimatika tal-UE għall-2040*, enfasizza l-ħtieġa għal sistema tal-elettriku mingħajr karbonju sal-2040 biex tixpruna d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, tat-trasport u tal-bini, u jappella għal tnaqqis ġenwin tal-emissjonijiet billi jiġu eliminati gradwalment il-fjuwils fossili.

Il-KESE wissa kontra d-dipendenza żejda mill-assorbiment tal-karbonju, minħabba riskji bħan-nirien fil-foresti u l-pesti, u ħeġġeġ approċċ ibbilanċjat bejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-assorbiment tal-karbonju. Il-fażi li jmiss tal-politika tal-UE dwar il-klima għandha tiffoka fuq l-investment, il-ħolqien ta' ekonomija robusta, it-

tishiĥ tas-sigurtà tal-enerġija u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja. Il-kisba tal-mira għall-2030 li l-emissjonijiet jitnaqqsu b'55 % u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni "Lesti għall-mira ta' 55 %" huma kruċjali għal dan.

Il-KESE jipprevedi settur li jiġġenera l-enerġija mingħajr karbonju sal-2040, segwit minn tiżhin u tkessiĥ dekarbonizzati. L-enerġija nadifa u affordabbli hija essenzjali għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, tal-bini u tat-trasport.

Il-KESE ssuġġerixxa wkoll mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur agroalimentari, żviluppata permezz ta' djalogu mal-bdiewa u mal-partijiet ikkonċernati biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, u filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet naturali differenti madwar l-UE.

L-appoġġ pubbliku u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati huma kruċjali biex tintlaħaq il-mira tal-2040. Għalhekk, il-KESE jappella għal djalogu wiesa', inkluż mal-imsieġba soċjali, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini, fl-istabbiliment ta' miri u fl-iżvilupp ta' politiki.

Bit-tnejn tal-proposta leġiżlattiva tal-UE għall-mira tal-2040, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal kontroll komprensiv tal-kompetittività ma' ekonomiji ewlenin oħra biex tinżamm il-kompetittività globali u l-bażi industrijali tal-Ewropa, filwaqt li jiġu rispettati standards ambjentali u soċjali għoljin. (ks)



In?ommu l-momentum tat-tkabbir tal-UE: l-ispinta tas-soċjetà ċivili biex i?ib il-benefi?ji g?all-Balkani tal-Punent permezz ta' integrazzjoni gradwali

20 sena wara li s-Slovenja ssieġbet fl-UE, il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ġabar mexxejja politiki u tas-soċjetà ċivili f'Ljubljana biex ifakkru dan l-anniversarju simboliku, waqt li enfażizza l-benefiċċji fundamentali tas-sħubija fl-UE u afferma mill-ġdid li l-futur tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent jinsab fl-Unjoni Ewropea.

Il-Konferenza "[Continuing the suċċess story of EU enlargement – Bringing benefits to the Western Balkans in advance of accession](#)" (Inkomplu l-istorja ta' suċċess tat-tkabbir tal-UE – Inwasslu l-benefiċċji lill-Balkani tal-Punent qabel l-adeżjoni), organizzata mill-KESE f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u l-Open Society Foundation-Western Balkans, xeħtet dawl fuq ir-riformi meħtieġa biex isir progress fit-triq tal-adeżjoni, inkluża l-importanza li jiġu rispettati l-valuri fundamentali tal-UE.

Waqt li tkellem fil-konferenza, il-**President Oliver Röpké** kien akkumpanjat mill-Ministru Sloven għall-Affarijiet Barranin, **Tanja Fajon**, il-Ministru Sloven għax-Xogħol, **Luka Mesec**, u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali, **Majlinda Bregu**.

Kif enfażizza l-President tal-KESE **Oliver Röpké**: "Post il-Balkani tal-Punent jinsab fl-UE; sa ma jseħħ dan, il-familja tagħna tal-UE mhux se tkun kompluta. Tistgħu sserrġu fuq il-KESE li se jkompli jagħmel l-parti tiegħu billi jorganizza 'Summit dwar it-Tkabbir tas-Soċjetà Ċivili' f'Settembru".

Tanja Fajon, il-Ministru Sloven għall-Affarijiet Barranin, qalet: “Nemmen li fis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali neħtieġu lil xulxin aktar minn qatt qabel. Għal dan il-proċess, neħtieġu li s-soċjetà ċivili tagħmel pressjoni fuq il-politika u l-gvern biex jimxi fid-direzzjoni li joqrob lejha l-UE”.

Luka Mesec, il-Ministru Sloven għax-Xogħol, il-Familja, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq, qal: “Is-Slovenja u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għandhom storja komuni twila. Id-dar komuni tagħna hija l-Unjoni Ewropea, għalhekk se naħdem flimkien mal-gvern Sloven biex niffaċilitaw l-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni Ewropea”. (mt)



Il-KESE jniedi programm ta' skambju mal-kunsilli ekonomiċi u soċjali nazzjonali madwar l-UE

Il-KESE nieda programm ġdid biex ikompli jibni r-relazzjonijiet tiegħu mal-komunità tal-kunsilli ekonomiċi u soċjali nazzjonali. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tippermetti skambji aktar regolari dwar suġġetti prijoritarji, dwar opinjonijiet u

rapporti ppjanati, kif ukoll dwar prattiki tajba.

L-ewwel skambju ta' dan it-tip sar f'Marzu li għadda fi Franza mal-**President tal-Grupp taż-Żgħażaġħ tal-KESE Katrīna Leitāne** waqt żjara ta' jumejn fil-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali ta' Franza biex isir skambju ta' fehmiet dwar il-politiki taż-żgħażaġħ. Ir-riżultat? Ideat ġodda biex tiġi promossa l-aġenda taż-żgħażaġħ fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, jiġu integrati l-aspettattivi taż-żgħażaġħ fl-attivitajiet tal-KESE u u jkun hemm laqgħat ma' kollegi ġodda li jaħdmu fuq l-istess suġġett fi Stat Membru ieħor.

F'dan il-[filmat](#), Katrīna Leitāne taqsam l-impressjonijiet tagħha dwar iż-żjara ta' ħidma tagħha u l-iskambji produttivi li kellha mal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali fi Franza.

Għal aktar informazzjoni dwar il-programm ta' skambju ara l-paġna web tagħna [hawnhekk](#).

Għal kull informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-segretarjat tal-Unità tar-Relazzjonijiet mal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali Nazzjonali u mas-Soċjetà Ċivili (EESC-ESCS-relations@eesc.europa.eu).

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Elezzjonijiet tal-UE 2024: Issa li nafu r-ri? ultati je ?ti? ilna nniedu a?enda strate?ika valida g?all-futur

Minn Stefano Mallia, President tal-Grupp ta' Min l-ħaddem tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-elezzjonijiet Ewropej għaddew u jidher ċar li qed ngħixu fi żminijiet ta' taqlib kbir. Ir-rebħa tal-Konservattivi mblokkat il-landslide tal-lemin estrem. Madankollu, minkejja li ċ-ċentru lemini żamm il-pożizzjoni tiegħu, ma nistgħux ninjoraw li l-lemin estrem se jkun aktar b'saħħtu fil-Parlament Ewropew il-ġdid, u dan se jikkompjika l-votazzjoni dwar kwistjonijiet ewlenin. Is-sena li għaddiet rajna spunt ta' dan meta l-PPE għal ftit ma rnexxilux jiġbor maġġoranza li timblokka l-lemin biex tiġi eliminata liġi dwar ir-restawr tan-natura.

L-iżgurar tal-progress fil-politika industrijali u s-sigurtà ekonomika huma l-fatturi li qed joħloqu l-akbar tħassib għan-negozi, b'mod partikolari fit-teknoloġija, il-materja prima kritika, is-semikondutturi, il-vetturi elettriċi, ir-reżiljenza ekonomika u l-kompetittività ġenerali. Huwa essenzjali li nsaħħu s-suq uniku u l-investment privat permezz ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali ġenwina. Dan il-Parlament il-ġdid se jkun kapaċi jwettaq ir-rwol tiegħu?

M'għandna l-ebda għażla oħra ħlief li nikkompetu ma' potenzi globali bħaċ-Ċina u l-Istati Uniti.

Fl-2008, iż-żona tal-euro u l-Istati Uniti kellhom prodott domestiku gross (PDG) ekwivalenti għal \$14,2 triljun u \$14,8 triljun rispettivament (EUR 13,1 triljun u EUR 13,6 triljun) fi prezzijiet attwali. F'mistax-il sena wara, il-PDG taż-żona tal-euro huwa ftit aktar minn \$15 triljun, u dak tal-Istati Uniti żdied għal \$26,9 triljun. Li kieku l-akbar ħames ekonomiji Ewropej – il-Ġermanja, ir-Renju Unit, Franza, l-Italja u Spanja – kellhom l-istess rata ta' tkabbir tal-produttività tal-Amerika bejn l-1997 u l-2022, il-PDG per capita tagħhom bħala medja kien ikun kważi \$13,000 (EUR 12,000) ogħla f'termini ta' parità tal-kapaċità tal-akkwist. Dawn iċ-ċifri għandhom tifsira.

Għal ħafna snin, bl-UE turi bilanċ kummerċjali pożittiv, ħafna ma rrealizzawx li l-kompetittività tagħna kienet f'riskju. Fdajna l-kundizzjonijiet ekwi globali u fl-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, u stennejna li l-oħrajn jagħmlu l-istess. Iżda issa d-dinja qed tinbidel b'mod rapidu u jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ il-ħidma tagħha u tirreaġixxi malajr għal dawk is-sejġiet kollha li injorat sa issa. Nittamaw li dan il-Parlament ikun kapaċi jwettaq ir-rwol tiegħu u ma jillimitax ruħu għall-politika tal-partiti.



Nagħmlu l-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet adatti g?all-futur: g?aliex ne?tie?u revi?joni tad-Direttiva

mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Bħalissa hemm aktar minn 1 200 Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet f'kumpaniji multinazzjonali kbar. **Dawn il-korpi huma għodda importanti biex tiġi żgurata d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, peress li għandhom id-dritt li jirċievu informazzjoni dwar kwistjonijiet transnazzjonali mill-maniġment**

ċentrali tal-kumpanija u jagħtu l-opinjoni tagħhom. Kwistjonijiet bħal dawn jinkludu s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali u l-iżviluppi probabbli rigward l-impjiegi, l-investimenti jew metodi ta' ħidma ġodda. Il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet m'għandhomx id-dritt li jinnegozjaw ftehimiet.

Peress li d-deċiżjonijiet tal-kumpaniji jittieħdu b'mod predominanti fil-kwartieri ġenerali, iżda jiġu implimentati fl-ambitu kollu tal-korporazzjoni, l-importanza ta' korpi bħal dawn qed tikber. Il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet jgħinu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema jifhmu aħjar id-deċiżjonijiet tal-kumpaniji. Fl-istess ħin, informazzjoni u konsultazzjoni adegwata jistgħu jgħinu lill-maniġment biex isawwar id-deċiżjonijiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati mingħajr xkiel fil-pajjiżi kollha.

Madankollu, l-evidenza turi li hemm nuqqasijiet serji fid-Direttiva attwali dwar il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet (li tmur lura għall-2009) u l-implimentazzjoni tagħha. B'mod kruċjali, ħafna Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet ma għandhomx il-possibbiltà li jmorru l-qorti jekk jinkisruluhom id-drittijiet. Analiżi tal-proċeduri u s-sentenzi preċedenti tal-qorti turi li hemm inċertezzi legali, speċjalment fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' "informazzjoni", "konsultazzjoni", "transnazzjonali" u "kunfidenzjalità", kif ukoll id-dritt tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet li jsejjaħ esperti (eż. assistenza legali jew rappreżentanti tat-trade unions). Barra minn hekk, hemm diversi regolamenti skaduti li jeħtieġ li jiġu adattati għas-sitwazzjoni globali attwali.

Il-kumpaniji u l-forzi tax-xogħol tagħhom jiffaċċjaw sfidi multidimensjonali: id-diġitalizzazzjoni, il-miżuri kontra t-tibdil fil-klima, id-demografija, il-ħiliet. Bidliet bħal dawn jistgħu jkunu ta' tfixkil u jista' jkollhom impatt fuq il-kompetittività ta' kumpanija, kif ukoll fuq is-sigurtà soċjali u l-produttività tal-ħaddiema. Ir-riċerka xjentifika turi li d-drittijiet effettivi ta' informazzjoni, konsultazzjoni u/jew parteċipazzjoni tal-ħaddiema jtejbju s-sostenibbiltà tad-deċiżjonijiet tal-kumpaniji u l-kompetittività tagħhom, li, min-naħa tagħhom, jissuġġerixxu li l-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet jistgħu jaqdu rwol kruċjali fl-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni ġusta.

Għalhekk, neħtieġu reviżjoni tad-Direttiva biex niżguraw iċ-ċertezza legali u l-funzjonament adegwat tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet. Implimentazzjoni rapida u bla xkiel tar-reviżjoni tad-Direttiva għandha tindirizza n-nuqqasijiet eżistenti u tagħmel il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet adatti għall-futur. L-[Opinjoni tal-KESE](#) tivvaluta l-proposta tal-Kummissjoni u tagħmel għadd ta' proposti konkreti lil-leġiżlaturi dwar kif id-Direttiva tista' tittejjeb ulterjorment.



Is-sa??a g?andha tibqa' prijorità ewlenija fil-le?i? latura l-?dida

Mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

Il-professionisti tal-kura tas-saħħa u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jappellaw lil dawk li jfasslu l-politika biex jintroduċu "kontroll tas-saħħa" għall-politiki futuri kollha. L-appell tagħhom: id-"Dritt għas-Saħħa" jrid jibqa' fil-quċċata tal-aġenda tal-UE u dawk nazzjonali fil-leġiżlatura l-ġdida, li huwa dak li l-Ewropej talbu fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

Il-miżuri tas-saħħa nazzjonali u Ewropej iridu jkunu kkoordinati u allinjati aħjar sabiex jinbena settur tas-saħħa aktar sostenibbli li jkun reżiljenti għal skossi futuri u jiggarrantixxi aċċess ugwali għal kura tas-saħħa ta' kwalità għal kulħadd.

L-investment, il-prevenzjoni, l-innovazzjonijiet teknoloġiċi u l-edukazzjoni bikrija dwar is-saħħa huma mistennija li jkollhom rwol ewlieni f’dan, skont il-konferenza dwar [L-Istat tas-Saħħa fl-UE](#), li saret fl-4 ta’ Ġunju f’Liège. L-avveniment ġie organizzat mill-[Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE](#), flimkien mas-CHU Liège u l-Hôpital de la Citadelle, fil-kuntest tal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE.

“Fil-leġiżlatura li jmiss, 2024-2029, is-saħħa trid tibqa’ prijorità strateġika ewlenija għall-Kummissjoni Ewropea l-ġdida, il-Parlament Ewropew il-ġdid u l-Kunsill,” qal **Séamus Boland**, President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili. L-istituzzjonijiet Ewropej jenħtieġ li jħaddnu approċċ “Saħħa Waħda” li jippromovi l-interkonnessjonijiet bejn il-politika tas-saħħa u t-tibdil demografiku, it-tranżizzjoni diġitali u ambjentali, is-sigurtà ekonomika u l-politika industrijali.

Is-Sur Boland enfasisza li l-politika tas-saħħa tista’ tiffunzjona b’mod effettiv biss jekk tiġi ġestita flimkien ma’ servizzi soċjali aċċessibbli, adegwati u ta’ kwalità għolja u politiki soċjali pubbliċi u jkollha għadd suffiċjenti ta’ professjonisti tas-saħħa mħarrġa sew. Huwa tenna l-ħtieġa għal involviment dirett u responsabbiltà fil-kura tas-saħħa għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħall-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, u żied jgħid: “L-adozzjoni u s-suċċess tal-inizjattivi u l-programmi Ewropej dwar is-saħħa jiddependu fuq djalogu trasparenti, regolari u strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-kapaċità tagħhom li jwettqu dan ix-xogħol tiddependi fuq il-kisba ta’ finanzjament sostenibbli u prevedibbli.”

Il-konferenza ddiskutiet diversi aspetti fundamentali għal Unjoni Ewropea tas-Saħħa msaħħa:

- L-impenn għal Saħħa Waħda;
- L-innovazzjonijiet diġitali u l-impatt tagħom fuq is-saħħa;
- Sostenibbiltà u sistemi tas-saħħa li jibqgħu validi fil-futur permezz ta’ investment soċjali; u
- Il-pledja globali kontra l-inugwaljanzi fis-saħħa permezz tas-solidarjetà Ewropea: il-każ ta’ mard rari.

Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-konferenza se jiġu ppubblikati fuq il-[paġna web tal-avveniment](#).

Aktar dwar il-konferenza fl-[istqarrija għall-istampa](#) tagħna.

LENTI FUQ I?-?G?A?AG?



[Kif ir-Rassemblement national jikkapitalizza fuq il-votazzjoni ta?-?g?a?ag? fi Franza](#)

Minn Christophe Pr  ault, direttur maniġerjali ta’ Touteurope.eu

Fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024, il-partit Franċiż tal-lemin estrem Rassemblement national kaxkar il-votazzjonijiet, u kiseb l-aħjar riżultat tal-istorja tiegħu. Huwa kiseb ukoll aktar minn terz tal-voti ta' dawk li għandhom inqas minn 35 sena. Il-mistieden speċjali tagħna, Christophe Prévaut, direttur maniġerjali ta' Touteurope.eu, janalizza s-suċċess tar-Rassemblement national u tal-mexxej tiegħu Jordan Bardella, mis-subborgi ta' Pariġi, li għandu biss 28 sena u jinsab kullimkien fuq TikTok.

Fl-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju 2024, ir-Rassemblement national (RN) kiseb punteġġ bla preċedent fl-istorja tiegħu, u attira kważi terz tal-votanti (31,4 %). Il-partit tal-lemin estrem ġabar l-akbar għadd ta' voti minn kważi l-gruppi tal-etajiet u soċjoprofessjonali kollha, u għalhekk irristruttura l-karti elettorali. Dan huwa partikolarment minnu fost iż-żgħażaġh, fejn il-karta ta' Jordan Bardella kisbet 32 % ta' dawk bejn il-25 u l-34 sena u rebħet aktar minn 10 punti (26 %) fil-grupp ta' età bejn it-18 u l-24 sena meta mqabbla mal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019.

Hemm diversi raġunijiet għalfejn iż-żgħażaġh ġew attirati lejn ir-RN. L-ewwel nett, ta' min isemmi l-personalità ta' Jordan Bardella, il-kandidat ewlieni għall-elezzjonijiet Ewropej u l-President tal-partit tiegħu, li ma jikkonformax mal-politika tradizzjonali. Għaż-żgħażaġh, huwa jgħid il-verità, għandu integrità, u jidher sinċier f'kuntest ta' nuqqas ta' fiduċja fid-dinja politika. L-isfond personali tiegħu huwa wkoll wieħed li ħafna jistgħu jidentifikaw miegħu: huwa tifel mill-klassi medja, li trabba fis-subborg ta' Pariġi (Seine-Saint-Denis), ma attendiex l-iskola superjuri u ma ggradwax mill-università iżda għandu sempliċità ċertifikat mill-iskola sekondarja. B'dan il-mod sar popolari ħafna fost iż-żgħażaġh, li jinkwetaw dwar il-futur tagħhom u jħossuhom imwarrbin jew saħansitra minsija.

Jekk jiġbed b'mod tajjeb lil dawk ta' bejn it-18 u l-34 sena, huwa wkoll minħabba li Jordan Bardella huwa żagħżuġh! Ta' 28 sena, huwa jaf perfettament il-modi ta' din il-ġenerazzjoni u jaf kif jilgħabhom. Huwa interessanti li wieħed jinnota li fl-2017 kien Emmanuel Macron li kellu din iż-żgħožżgħija rebbieħa, iżda f'saff ieħor tas-soċjetà.

Ir-RN b'hekk tikkapitalizza fuq il-personalità tal-mexxej tagħha u fuq immaġni kkultivata ħafna permezz tal-media soċjali. Jordan Bardella jinsab kullimkien fuq TikTok, li għandu rwol importanti fl-istrateġija elettorali tiegħu, fi żmien meta ż-żgħażaġh ma għadhomx jinfurmaw ruħhom permezz tan-networks tal-media tradizzjonali. Il-popolarità tiegħu qed tikber (1,6 miljun abbonat). Huwa ma jtkellimx dwar ir-riforma tat-Trattati Ewropej, tal-Ukrajna jew tal-Patt Ekoloġiku. Le. Huwa jiffoka b'mod partikolari fuq l-ħajja tiegħu ta' kuljum, jibgħat l-awguri f'Jum l-Omm, jiffilmja fl-uffiċċju tiegħu u matul id-diversi vjaġġi tiegħu. Huwa jtkellem dwar it-tendenzi billi jtkellem dwar is-suġġetti tal-mument. Saħansitra jisfida lill-gamers, dawk iż-żgħażaġh (u inqas żgħażaġh) li għandhom għal qalbhom il-logħob tal-vidjo.

Id-distanza dejjem tikber bejn il-ġenerazzjonijiet il-ġodda u d-dinja politika tradizzjonali ssaħħaħ l-immaġni, il-pożizzjonament u d-diskors populista tiegħu, waqt li t-tħassib tal-votanti ilhom jiddevjaw mill-elezzjonijiet Ewropej tal-2019. Il-ġlieda taż-żgħażaġh dwar il-kwistjonijiet ambjentali fl-2019 marret lejn suġġetti oħra li għandhom l-istess impatt iżda li kellhom l-għeruw fil-ħajja ta' kuljum. Illum it-tħassib tagħhom imur fuq in-nuqqas ta' sigurtà (marbuta mal-immigrazzjoni) u l-kapaċità tal-akkwist. Il-partit tal-lemin estrem stabbiliet ruħha billi tiekol minn din ir-rabja, u tikkapitalizza fuq is-sensazzjoni ta' ġenerazzjoni li tħossha offiża. Il-klassi politika kollha kemm hi ma qisitx biżżejjed il-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID fl-2020. Il-pandemija tal-COVID-19 kixfet u aggravat b'mod drammatiku l-inugwaljanzi li diġà kienu jeżistu għaż-żgħażaġh Franċiżi u Ewropej fis-suq tax-xogħol, iżda wkoll fl-aċċess għall-edukazzjoni, b'diffikultà akbar biex ikomplu l-edukazzjoni, jew sempliċità jitħarrġu fi żmien meta t-teknoloġija kollha diġitali saret is-soluzzjoni!

Għalhekk, minflok ma ninkwetaw bir-RN, l-enfasi għandha l-ewwel tkun fuq il-votanti tar-RN u speċjalment iż-żgħażaġ tal-klassijiet medji. Jeħtieġu risposti ċari, konkreti, konformi mat-tħassib tagħhom: il-vjolenza dejjem tikber fis-soċjetà, it-tneħħija tas-servizzi pubbliċi fiż-żoni rurali, id-diffikultajiet biex jinstab impjieg jew biex jiġi segwit it-taħriġ it-tajjeb u s-sens ta' immigrazzjoni mhux ikkontrollata. Għall-partiti politiċi tradizzjonali, dan ifisser li wieħed jinżel livell u jieħu ħsieb lil dawk li regolarment jiġu esklużi, li mhumienx interessati, minħabba li m'għandhomx ħajra partikolari għall-politika jew mhumienx impenjati fiha. F'din il-ġlieda, irridu nammettu li l-Unjoni Ewropea mhijiex viżibbli ħafna, minkejja bosta programmi ddedikati għaż-żgħażaġ, l-edukazzjoni, l-appoġġ għall-impjiegi u l-ġlieda kontra l-prekarjetà. L-Erasmus, billi jippromovi l-mobbiltà u l-esperjenzi għal popolazzjoni aktar diversa (apprendisti, persuni qiegħda, eċċ.), huwa punt tat-tluq, iżda ovvjament mhuwiex biżżejjed illum. Biex tinstab soluzzjoni hemm bżonn ukoll li ssir il-mistoqsija t-tajba dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni, kwistjoni ċentrali u orjentata lejn is-soċjetajiet Ewropej tagħna. Suġġett li għadu qed jiġi diskuss, minkejja l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Christophe Prévaut huwa ġurnalista u direttur manijerjali ta' Touteurope.eu, sit ta' informazzjoni edukattiva dwar il-funzjonament u l-politiki tal-Unjoni Ewropea. Huwa għandu esperjenza twila fl-indirizzar tal-ġrajjet attwali, b'mod partikolari kwistjonijiet Ewropej u ekonomiċi. Gradwat mill-Istitut tal-Istudji Politiċi ta' Bordeaux u miċ-Ċiklu tal-Istudji Ewropej Avanzati tal-Iskola Nazzjonali tal-Amministrazzjoni, bħalissa huwa responsabbli mill-operat ta' Touteurope.eu, u regolarment jimmodera dibattiti u konferenzi dwar is-suġġetti Ewropej.



[Kif għandna n?ommu kuntatt mal-?enerazzjoni TikTok?](#)

minn Rieke Smit, editriċi ta' Social News Daily/ #UseTheNews

Il-mistiedna speċjali tagħna hija l-ġurnalista żagħżugħa, Rieke Smit minn #UseTheNews, inizjattiva tal-aġenzija tal-aħbarijiet

Ġermaniża DPA li tiffoka fuq il-konsum tal-aħbarijiet tal-Ġenerazzjoni Z u tirsisti biex ittejjeb il-litteriżmu medjatiku ta' din il-ġenerazzjoni. B'ċifri li juru li inqas minn terz ta' dawk bejn it-18 u l-24 sena huma interessati fl-aħbarijiet u li 23 % jiksbu l-aħbarijiet tagħhom esklużivament minn TikTok, Rieke tikteb dwar kif għandna nilħqu lil Ġenerazzjoni Z mhux biss fuq TikTok iżda wkoll fuq pjattaformi oħrajn tal-media soċjali - u biex tqajjem l-interess taż-żgħażaġ għal aħbarijiet importanti li jaffettwawhom direttament ħajjithom.

Qed nitilfu ġenerazzjoni - għall-inqas hekk jidher. M'aħniex qed nilħqu lil Ġen Z bl-aħbarijiet. Inqas minn terz ta' dawk bejn it-18 u l-24 sena juru interess fl-aħbarijiet. Taħt l-età ta' 18 sena, il-perċentwal huwa saħansitra ogħla.

Dan il-fenomeni b'mod ġenerali mhuwiex ġdid. Issa kulħadd sema' dwar l-eżawriment minħabba l-aħbarijiet u l-evitar tal-aħbarijiet. Ma' dan tiżdied l-importanza dejjem tikber tal-influwenzaturi u tal-pjattaformi li joffru filmati qosra, speċjalment fost iż-żgħażaġ, kif ikkonfermat mill-aħħar [Rapport dwar l-Aħbarijiet Diġitali](#) mill-Istitut Reuters għall-Istudju tal-Ġurnaliżmu.

Iż-żgħażaġħ qed jikkunsmaw dejjem anqas aħbarijiet peress li jsibuha diffiċli biex isibu aħbarijiet affidabbli fuq pjattaformi bħal TikTok, iżda wkoll minħabba li ma jifhmux il-konnessjoni bejn l-aħbarijiet u ħajjithom. Dan il-punt sar f'wieħed mill-istudji tagħna ta' #UseTheNews minn tifla ta' 16-il sena, u jpoġġi x-xejra allarmanti f'perspettiva. Il-mistoqsija ewlenija hija: Kif se nilħqu lill-Ġenerazzjoni TikTok?

L-ewwel nett, jeħtieġ li nkunu preżenti fuq il-pjattaformi li jużaw – bl-aħbarijiet, perspettivi u informazzjoni ġenerali. Imbagħad, jeħtieġ li nuru liż-żgħażaġħ għaliex huwa daqshekk importanti li jibqgħu infurmati għal ħajjithom. Fl-istess ħin, qisu b'kombinazzjoni, insaħħu l-litteriżmu medjatiku tagħhom.

Dan huwa wkoll l-għan tal-inizjattiva #UseTheNews u t-tim editorjali ta' Social News Daily, li din is-sena ħoloq "Is-Sena tal-Aħbarijiet" biex isaħħaħ is-soċjetà u d-demokrazija b'aktar litteriżmu fl-aħbarijiet, speċjalment fost l-adolesxenti u ż-żgħażaġħ.

Social News Daily jindirizza dan bl-aħbarijiet fuq TikTok, Instagram u YouTube. Aħbarijiet fuq il-media soċjali? Kif jaħdem dan? Nużaw l-istess metodi li l-ħallieqa tal-kontenut fehmu ferm qabilna: tista' tkun qed tagħmel il-make-up, issajjar jew tmur mixja u xorta tkun qed titkellem dwar suġġetti serji. Dan huwa eżattament dak li nagħmlu permezz ta' Social News Daily – iżda nitkellmu dwar l-aħbarijiet.

Nadattaw għad-drawwiet tal-ispettaturi – dan huwa dak li qed nesperimentaw. Nagħmlu sintesi ta' temi f'filmati ta' 40 sekonda u ngħidu għaliex dan huwa importanti għal persuna ta' 16-il sena llum.

Barra minn hekk, aħna nużaw clickbaits – waqt li nżommu f'moħħna l-istandards ġurnalistiċi. Għaliex? Għax fuq TikTok, għandek biss żewġ sekondi biex tiġbed l-attenzjoni ta' xi ħadd. Jekk il-filmat tiegħek ma jqajjimx biżżejjed interess f'dawn il-ftit mument, ħadd ma jarah. Għalhekk, fil-bidu aħna nużaw mistoqsija provokattiva jew xi fatt mhux tas-soltu – biex niġbdu l-attenzjoni tal-ispettaturi bi clickbait – iżda xorta nagħtu t-tweġibiet fi tmiem il-filmat. In-nies jibqgħu jaraw u b'hekk jikkunsmaw kontenut ġurnalistiku. Dan huwa kollox?

Huwa biżżejjed li tkun strument tal-media fuq il-media soċjali? It-tweġiba qasira hija le. Jeħtieġ li jkun hemm aktar punti ta' kuntatt bejn iż-żgħażaġħ u l-ġurnalisti. Jeħtieġ li nsaħħu l-fiduċja fil-media u li l-ġurnaliżmu jsir trasparenti. Pereżempju, inħeġġu lill-għalliema biex jippromovu l-kompetenzi tal-media fl-iskejjel jew nintensifikaw il-kuntatt bejn il-klassijiet u l-uffiċċji editorjali, kif qed nagħmlu fil-"Proġetti pilota" u "Newscamps" ta' #UseTheNews tagħna.

Għax huwa biss jekk inkunu fejn jinsabu ż-żgħażaġħ, fl-iskejjel, fil-festivals, fuq il-media soċjali u jekk naqdbu konverżazzjonijiet magħhom dwar aħbarijiet foloz, il-media u t-tifsira tagħhom li jkollna ċ-ċans li nerġgħu nilħqu l-Ġenerazzjoni Z bl-aħbarijiet.

TikTok: <https://www.tiktok.com/@social.news.daily>

UsetheNews Kanal: <https://www.instagram.com/usetheNews2024/?hl=de>

Bħala editur, Rieke żżomm rekord tax-xogħol editorjali ta' kuljum fuq Social News Daily. Mill-2021 'il hawn kellha diversi rwoli f'#UseTheNews u issa hija responsabbli għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-approvazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għal Social News Daily. Wara li lestiet il-lawrji tagħha ta' Baċellerat u Masters b'enfasi fuq il-ġurnaliżmu u l-għajnuna umanitarja, hija lestiet traineeship fil-FUNKE Zentralredaktion.

#UseTheNews, inizjattiva tal-aġenzija tal-aħbarijiet Ġermaniża DPA, tmur dritt għall-punt tal-kompetenzi medjatiċi taż-żgħażaġħ. Bl-għajnuna ta' Leibniz-Institut għar-riċerka tal-media, jiġu żviluppati formati

innovattivi tal-aħbarijiet f'laboratorju tal-litteriżmu tal-aħbarijiet u fl-uffiċċju tal-aħbarijiet soċjali. Flimkien ma' dan, #UseTheNews toħloq workshops għall-għalliema u tipprovdihom materjal. Il-proġett huwa appoġġjat minn ħafna imsieħba mill-media, l-educazzjoni u r-riċerka, b'bord ta' trustees magħmul minn personalitajiet ta' fama mill-media u l-politika.



Tista' taffordja ta'dem bla ħlas?

Minn Cláudia Pinto, Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ

Il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, l-akbar pjattaforma tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fl-Ewropa, li ilu jippromovi traineeships ta' kwalità tajba għal dawn l-aħħar 10 snin, jingħaqad mas-sejħa tal-KESE biex jiġu pprojbiti traineeships mingħajr ħlas. Il-mistiedna speċjali tagħna, Cláudia Pinto, mill-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, tanalizza għalina l-aħħar proposta tal-Kummissjoni biex tittejjeb il-kwalità tal-internships fl-UE u telenka n-nuqqasijiet kollha tagħha – minkejja li tiddeskriviha bħala pass kbir 'il quddiem.

It-tiftix ta' impjieg għaż-żgħażaġh illum il-ġurnata huwa ta' spiss limitat għal internship mhux imħallas, wieħed wara l-ieħor. Il-wegħda? Li l-internships mhux imħallsa huma portal għas-suq tax-xogħol, li jipprovdu liż-żgħażaġh b'aċċess għan-networks u joffruhom esperjenzi ġodda ta' taġħlim.

Huwa ovvju li dak li ma jipprovdi internship mhux imħallas huwa indipendenza finanzjarja. Kif tixtri l-ikel, tħallas il-kera u l-kontijiet kollha li jinġabru meta tkun qed taħdem bla ħlas?

L-internships mhux imħallsa huma forma ta' sfruttament taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol. Dawn isaħħu l-esklużjoni soċjali, peress li x-xogħol bla ħlas huwa biss għal dawk li jistgħu jaffordjaw jagħmlu dan, u għalhekk iż-żgħażaġh minn sfondi żvantaġġati jiġu esklużi mill-bidu nett. Dak li jagħmel l-affarijiet saħansitra agħar huwa li qed jissostitwixxu l-impjieg fil-livell tad-dħul, u b'hekk jikkontribwixxu għal suq tax-xogħol saħansitra aktar prekarju.

Il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ ilu jippromovi internships ta' kwalità tajba għal dawn l-aħħar 10 snin. Matul dawn l-aħħar sentejn konna qed norganizzaw b'mod attiv il-kampanja [“Tista' taffordja taħdem bla ħlas?”](#), li titlob direttiva biex jiġu pprojbiti internships mhux imħallsa fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea fl-aħħar ippublikat il-[Proposta tagħha biex ittejjeb il-kwalità tat-traineeships](#) fl-Unjoni Ewropea f'Marzu li għadda. U għal direttiva talbu fil-fatt! Dan huwa pass kbir fid-direzzjoni t-tajba, li nkiseb bis-saħħa tal-promozzjoni bla waqfien taż-żgħażaġh madwar il-kontinent. Sfortunatament, minkejja l-pass 'il quddiem, id-direttiva ma tiżgurax b'mod ċar internships imħallsa fis-suq tax-xogħol.

It-tħassib ewlieni tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ rigward it-test propost huwa li jindirizza biss naħa waħda tal-problema. Il-Proposta tħares biss lejn internships fittizji – impjegi ġenwini taparsi internships bl-għan li jitnaqqsu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, speċjalment ir-remunerazzjoni – minflok ma tiffoka fuq l-interns kollha fis-suq tax-xogħol. Dak li qed tipproponi l-Kummissjoni Ewropea huwa direttiva ta' infurzar. Minħabba dan, tagħmel ħafna pressjoni fuq l-ispettorati tax-xogħol, li diġà mhumieħ iffinanzjati biżżejjed u għandhom ammont eċċessiv ta' xogħol.

Għalhekk, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ huwa mħasseb ħafna dwar l-implimentazzjoni prattika tad-direttiva u kif id-drittijiet taż-żgħażaġh jistgħu jiġu rispettati fil-prattika. Essenzjalment, il-Proposta ma tagħtix drittijiet lill-interns, iżda pjuttost tiddefinixxi liema internships m'għandhomx jeżistu. Dan jinkludi prinċipju dwar in-nondiskriminazzjoni tal-interns. Madankollu, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ huwa mħasseb dwar kif l-Istati Membri jistgħu jittrasponuh fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u possibbilment iħalli lok għal min iħaddem biex ikompli jisfrutta liż-żgħażaġh.

Flimkien ma' Proposta għal Direttiva, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet ukoll Rakkomandazzjoni ġdida tal-Kunsill biex taġġorna l-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships, billi twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għat-tipi kollha ta' internships u tinkludi l-prinċipji dwar l-aċċess għall-paga u l-protezzjoni soċjali. Huwa tajjeb ħafna li dawn il-prinċipji jitniżżlu fi proposta, għalkemm sfortunatament ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill mhijiex vinkolanti.

Il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ se jkompli jiddefendi d-drittijiet taż-żgħażaġh u jiġġieled għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Nappellaw lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament Ewropew isaħħu t-test u jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda lakuna li tippermetti l-isfruttament kontinwu taż-żgħażaġh. Għal analiżi sħiħa ta' din il-proposta, ara l-artiklu tagħna [Żewġ Passi 'I Quddiem u Wieħed Lura](#).

Cláudia Pinto tmexxi l-ħidma ta' promozzjoni dwar it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol fil-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, b'enfasi fuq politiki li jtejbu l-kwalità tal-internships fl-Ewropa. Għandha għarfien espert fil-politika soċjali u tax-xogħol Ewropea, u fil-passat ħadmet fil-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions Indipendenti.

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Laura Lui (ll)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma

Daniela Vincenti (dv)
Dimitra Panagiotou (dp)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Margarita Gavanis (mg)
Margarida Reis (mr)
Millie Tsoumani (mt)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Indirizz

European Economic and Social Committee
Jacques Delors Building,
99 Rue Belliard,
B-1040 Brussels, Belgium
Tel. (+32 2) 546.94.76
Email: eescinfo@eesc.europa.eu

EESC info is published nine times a year during EESC plenary sessions. EESC info is available in 24 languages
EESC info is not an official record of the EESC's proceedings; for this, please refer to the Official Journal of the
European Union or to the Committee's other publications.

Reproduction permitted if EESC info is mentioned as the source and a link is sent to the editor.

06/2024